IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 22.12.2009
KUMM(2009)698 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

RAPPORT ANNWALI TAS-SAPARD - SENA 2008

SEG(2009)1715

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

RAPPORT ANNWALI TAS-SAPARD - SENA 2008

1. DAĦLA

Mill-2000, l-Unjoni Ewropea (UE) saħħet l-għajnuna tagħha ta' qabel l-adeżjoni għall-iżvilupp rurali ta' għaxar pajjiżi kandidati tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant billi ħolqot is-Sapard, il-Programm Speċjali tal-Adeżjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. Għall-implimentazzjoni tiegħu ġie magħżul metodu uniku: l-awtoritajiet nazzjonali fil-pajjiżi applikanti ħadu r-responsabbiltà sħiħa permezz ta' "ġestjoni deċentralizzata" għal kollox li b'hekk ippermettiet it-twettiq tas-Sapard. Għan wieħed huwa l-implimentazzjoni ta' għadd ta' proġetti ta' żvilupp rurali fuq skala żgħira u l-ieħor huwa l-ħolqien ta' strutturi kapaċi japplikaw l-*acquis communautaire* fil-mument tal-adeżjoni. Tagħrif dettaljat dwar l-implimentazzjoni tas-Sapard jista' jinsab fir-Rapporti Annwali preċedenti kif ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-KE http://ec.europa.eu/agriculture/external/enlarge/publi/index_en.htm.

Dan ir-rapport jindirizza b'mod partikolari l-implimentazzjoni finanzjarja tas-Sapard fil-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, billi ġa tlestew il-Programmi Sapard tat-tmien Stati Membri ġodda (SM), li ssiebħu fl-UE fl-1 ta' Mejju 2004 Matul l-2004, huma waqfu jagħtu l-kuntratti għal proġetti ġodda taħt il-programmi rispettivi tagħhom tas-Sapard u qalbu għall-ħruġ ta' kuntratti taħt il-programmi ta' wara l-adeżjoni għall-iżvilupp rurali.. Il-ħlasijiet lill-benefiċjari aħħarin taħt il-Programmi Sapard tagħhom intemmu lejn l-aħħar tal-2006.

Il-Bulgarija u r-Rumanija, li ngħaqdu mal-UE fl-1 ta' Jannar 2007, ukoll waqfu jagħtu l-kuntratti lill-benefiċjarji finali taħt is-Sapard fil-31 ta' Ottubru 2007 u l-31 ta' Lulju 2007 rispettivament.

Il-programm tal-Kroazja ġie approvat b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni fit-8 ta' Frar 2006. Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/658/KE tad-29 ta' Settembru 2006 dwar il-konferiment tal-ġestjoni, il-Kroazja saret eliġibbli biex tirċievi l-fondi tas-Sapard. Sew l-għoti ta' kuntratti lill-benefiċjarji finali sew l-eżekuzzjoni finanzjarja kienu għadhom għaddejjin fl-2008.

2. L-IMPLIMENTAZZJONI U L-ĠESTJONI TAL-PROGRAMM

Fir-Rapport Annwali tas-Sapard tal-2005 saret valutazzjoni tal-ksib tal-għanijiet fit-tmien SM il-ġodda li kienu lestew l-għoti tal-kuntratti. Analiżi simili saret għall-Bulgarija u r-Rumanija fir-Rapport Annwali tas-Sapard 2007, wara li tlesta l-għoti tal-kuntratti fl-2007 f'dawn l-iSM.

2.1 Riżultati globali tal-implimentazzjoni[1]

Hekk kif waqaf l-għoti tal-kuntratti lill-benefiċjarji finali taħt is-Sapard fil-Bulgarija u r-Rumanija fl-2007, l-implimentazzjoni ta' dawn il-Programmi għafset l-aktar fuq kwistjonijiet ta' eżekuzzjoni u kontroll finanzjarju fl-2008. Il-Kroazja biss kienet għadha f'pożizzjoni li tikkuntratta fondi tal-UE lill-benefiċjarji finali waqt l-2008.

Fi tmiem l-2008, l-allokazzjonijiet taħt is-Sapard lill-pajjiżi benefiċjarji għas-snin mill-2000 sal-2006 kienu jgħoddu għal total ta' €2 936 miljun, li minnhom €1 334,1 miljun ġew allokati lit-tmien SM li ngħaqdu mal-UE fl-2004[2] u €1 601,9 miljun lill-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja.

Tul dan il-perjodu, tħallsu effettivament €2 446,4 miljun[3] mill-Kummissjoni, li jfissru 99.6% tal-ammont totali allokat lit-tmien SM ġodda u 69.8% għall-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja.

Fl-2008, il-Programmi tal-Litwanja, il-Latvja u l-Polonja ngħalqu, bis-saħħa tal-ħlas tal-bilanċ finali lil-Litwanja u l-Polonja. Għal-Latvja, fejn l-ammont tal-nefqa tal-UE eliġibbli finalment iddikjarata f'euro kienet biss 88 % tal-fondi allokati lill-Programm, saret ordni ta' rkupru sabiex jinfeda l-bilanċ negattiv finali li kellu jitħallas lura lill-Kummissjoni. L-għadd ta' proġetti kkuntrattati fit-tmien SM il-ġodda ammonta għal iktar minn 34 000 u jissarraf f' €1 448 miljun ta' kontribuzzjoni tal-Komunità. Taħt ir-regoli tat-tranżizzjoni mis-Sapard għall-iżvilupp rurali, l-iSM jistgħu jinkludu ħlasijiet għal impenji multi-annwali pendenti taħt is-Sapard fil-programmi tagħhom tal-iżvilupp rurali mill-2004 sal-2006.

Il-progress li sar matul l-2008, imkejjel permezz tal-pagamenti li saru mill-Kummissjoni lill-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja[4] naqqas mill-ħeffa, anki minħabba kwistjonijiet ta' kontroll fil-Bulgarija u r-Rumanija u assorbiment baxx mill-benefiċjarji fil-Kroazja. L-eżekuzzjoni totali tal-pagament mill-bidu tal-Programmi mkejla bħala perċentwal tal-fondi disponibbli għal dawn it-tliet pajjiżi, kienet ta' 69.8 % sa tmiem l-2008, imqabbel rispettivament ma' 46 % u 62 % sa tmiem l-2006 u l-2007.

Mal-31 ta' Lulju 2007, id-data meta r-Rumanija waqfet toħroġ il-kuntratti lill-benefiċjarji finali, l-ammont ikkuntrattat kien ta' €1 132 miljun. Sal-aħħar tal-2008, l-ammont ikkuntrattat naqas għal madwar €1 066 miljun tal-fondi tal-UE għal aktar minn 4 500 proġett, li tlestew minnhom kwazi 4 000. It-tnaqqis ta' 6 % huwa dovut għal proġetti kkanċellati.

It-tliet l-akbar miżuri, *"Investimenti fl-Impriżi Agrikoli", "Proċessar u tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli u tas-sajd"* u *"Investimenti fl-infrastruttura rurali"*, li jirrappreżentaw 87 % tal-ammont totali allokat lill-Programm, kellu qrib it-3 300 proġett approvat, li kważi 3 000 minnhom tlestew fi tmiem l-2008. Fi tmiem l-2008, il-ħlasijiet, inklużi dawk minn quddiem, li saru mill-bidu 'l hawn lir-Rumanija laħqu €843,5 miljun, jew 72.7 % tal-ammont allokat lill-Programm Sapard.

---

1 L-Annessi B u C fihom stampa globali orizzontali.

2 Ir-Repubblika Ċeka (CZ), l-Estonja (EE), l-Ungerija (HU), il-Latvja (LV), il-Litwanja (LT), il-Polonja (PL), is-Slovakkja (SK), is-Slovenja (SI).

3 Ħlasijiet ta' pre-finanzjament u rimbors lill-Pajjiżi kollha.

4 L-Anness C fih informazzjoni skont il-Pajjiż.

Sal-31 ta' Ottubru 2007, id-data meta l-Bulgarija waqfet toħroġ il-kuntratti lill-benefiċjarji finali, l-ammont ikkuntrattat kien ta' €458 miljun. Sal-aħħar tal-2008, l-ammont ikkuntrattat naqas għal madwar €376 miljun tal-fondi tal-UE għal aktar minn 2700 proġett, li tlestew minnhom kwazi 2 100. Dan it-tnaqqis ta' 18% huwa dovut għal proġetti kkanċellati.

It-tliet l-akbar miżuri, *"Investimenti għall-impriżi agrikoli", "Proċessar u tqegħid fis-tuq ta' prodotti agrikoli u tas-sajd"*, inkluż is-sotto-miżura *"Swieq bl-ingrossa"* u *"Żvilupp u diversifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi"*, irrappreżentaw 80 % tal-ammont totali allokat lill-Programm, bi qrib l-2 300 proġett approvat, li kważi 1 900 minnhom tlestew fi tmiem l-2008. L-utilizzazzjoni baxxa tal-fondi mkejla sa tmiem l-2007 u waqt l-2008 rriżultat fid-diżimpenn ta' fondi tal-UE ta' €27.6 miljun fl-2008, u dan mistenni jwassal għal diżimpenn ta' €45.7 miljun fl-2009, biex b'hekk it-total inizjalment allokat lill-Programm ta' €444.7 miljun jitnaqqas b'16 % għal €371.4 miljun.

Fi tmiem l-2008, il-ħlasijiet, inklużi dawk minn quddiem, li saru mill-bidu 'l hawn lill-Bulgarija laħqu €265.2 miljun, jew 63.6% tal-ammont allokat lill-Programm Sapard.

Il-Programm Sapard tal-Kroazja, adottat fi Frar 2006, bil-konferiment tal-ġestjoni f'Settembru 2006, kiseb ammont impenjat ta' €25 miljun fuq il-bażi ta' Ftehim ta' Finazjmanet Annwali (AFA) uniku għas-sena 2006. L-ammont ġie allokat lill-miżuri *"Investimenti għall-impriżi agrikoli", "Proċessar u tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli u tas-sajd".*

L-ikkuntrattar tal-fondi tal-UE kien għadu għaddej fi tmiem l-2008 u l-ammont ikkuntrattat f'dak il-mument kien ta' madwar €10.5 miljun, li jirrappreżenta 42 % tal-ammont allokat lill-Programm. Mit-33 proġett approvat, 16 tlestew fi tmiem l-2008. Fi tmiem l-2008, il-ħlasijiet lill-Kroazja li saru mill-bidu 'l hawn laħqu €9.5 miljun, inkluż ħlas bil-quddiem ta' €7,2 million, li jirrapreżenta 37.9% tal-ammont allokat lill-Programm Sapard.

L-ammont totali ta' fondi pubbliċi mħallsa lill-benefiċjarji finali ddikjarat taħt il-programmi Sapard kollha fl-aħħar tas-sena 2008 huwa €3 415 miljun (€3 113 miljun sal-aħħar tal-2007), li minnhom il-kontribut Komunitarju jammonta għal €2 562 miljun (€2 333 miljun sal-aħħar tal-2007). Minħabba li parti kbira tal-investiment li sar taħt il-Programm Sapard hija investimenti li jiġġeneraw id-dħul li huma appoġġati sa 50 % minn sorsi pubbliċi, l-impatt dirett globali għall-appoġġ Komunitarju taħt l-istrument tas-Sapard, li b'hekk jinkludi l-finanzjament privat, għalhekk jammonta għal total ta' madwar €6 123 miljun (€5 683 miljun sal-aħħar tal-2007) f'investimenti u servizzi pprovduti. B'riżultat ta' dan, kull ewro mogħti mill-Komunità taħt is-Sapard jirriżulta f'investiment ta' €2.39. Dan il-fattur vantaġġuż kien konsistenti f'dawn l-aħħar tliet snin.

3. VALUTAZZJONI TAL-KISBA TAL-GĦANIJIET

Il-valutazzjoni tal-impatt kumplessiv tal-istrument Sapard fl-għaxar pajjiżi benefiċjarji inizjali tas-Sapard fir-rigward tal-għanijiet tiegħu ġew koperti fid-dettall fir-Rapporti Annwali tas-Saprd 2005 u 2007 Instab li d-diversi miżuri ffinanzjati taħt is-Sapard jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, it-titjib tal-ambjent u l-kundizzjonijiet tal-għixien u l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol fiż-żoni rurali. L-investimenti fil-farms u fl-industrija tal-ikel b'mod partikolari kkontribwew għall-ilħiq tal-istandards tal-UE.

Se ssir valutazzjoni orizzontali fil-qafas tal-evalwazzjoni *ex-post* tal-2008 tat-tmien Programmi magħluqa diġà. Wara l-għeluq u l-evalwazzjonijiet *ex-post* tal-Programmi fil-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, se ssir valutazzjoni simili.

4. IMPLIMENTAZZJONI U ĠESTJONI TAL-PROGRAMM

4.1 Monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm

Matul l-2008, l-UE kompliet taħdem mill-qrib mal-pajjiżi benefiċjarji l-Bulgarija, ir-Rumanija, u l-Kroazja fuq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Minbarra l-monitoraġġ li għadu għaddej, iltaqgħu sitt Kumitati ta' Monitoraġġ fl-2008.

Żewġ Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jemendaw il-Programm tal-Bulgarija u wieħed li jemenda l-Programm tal-Kroazja ġew adottati fl-2008[5]. L-għan prinċipali tal-emenda adottata għall-Kroazja kien adattament tat-tabella finanzjarja biex tikkonċentra l-fondi fuq l-uniċi żewġ miżuri akkreditati, sabiex il-Programm jiffoka aħjar fuq il-ħtiġijiet tal-preparazzjoni għall-adeżjoni u sabiex tittejjeb il-kapaċità tal-assorbiment.

L-ewwel Deċiżjoni tal-Kumissjoni fl-2008 li emendat il-Programm tal-Bulgarija ikkonċernat adattament tat-tabelli finanzjarji sabiex jitqies l-istadju attwali tal-ikkuntrattar u l-implimentazzjoni. It-tieni Deċiżjoni tal-Kumissjoni ta' emenda adottata fl-2008 ikkonċernat il-modifikazzjoni tat-tabelli finanzjarji sabiex jitqies id-diżimpenn ta' €27,6 miljun mill-Ftehim Annwali tal-Finanzjament (AFA) 2004. Dan hu parti mill-ammont impenjat, li għadu ma nfediex mill-ħlas akkont u li għalih il-Kummissjoni għadha ma rċevietx applikazzjoni tal-ħlas xierqa sal-2007 skont l-Artikolu 4 tal-AFA 2006

4.2 Qafas legali

F'Diċembru 2008, il-Kummissjoni estendiet l-iskadenza għad-diżimpenn għall-AFAs tal-2006 iffirmati mill-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja minn tmiem l-2008 sa tmiem l-2009, sabiex il-pajjiżi jingħataw l-opportunità iżidu r-rata tal-assorbiment billi jeżegwixxu l-ħlasijiet sa tmiem l-2009 lill-proġetti kkuntrattati taħt Sapard.

Fid-dawl tal-fatt li l-2008 kienet l-aħħar iżda l-unika sena tal-implimentazzjoni tal-programmi Sapard tal-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, ir-Regolamenti relatati baqgħu mhux mibdula fl-2008.

L-aħħar leġiżlazzjoni dwar Sapard hija r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 248/2007 tat-8 ta' Marzu 2007, li tindirizza speċifikament it-tranżizzjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mis-Sapard għall-Ipprogrammar tal-Iżvilupp Rurali bħala Stati Membri u l-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-AFAs u l-MAFA (Ftehimiet ta' Finanzjament Multi-Annwali) tas-Sapard.

---

[5] Anness D.

5. ATTIVITAJIET MARBUTA MAL-KONFERIMENT TAL-ĠESTJONI, IL-VERIFIKI U L-KONTROLLI

5.1 Aġġornament dwar il-Konferiment tal-Ġestjoni tal-Għajnuna u missjonijiet ta' monitoraġġ[6]

Il-konferiment tal-ġestjoni tal-għajnuna Sapard jinħareġ mill-Kummissjoni lill-Pajjiżi Kandidati. Fl-2008 ma nħarġet ebda Deċiżjoni tal-Kummissjoni u ma saret ebda missjoni ta' verifika tal-konferiment f'dan ir-rigward.

Skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2222/2000 tas-7 ta' Ġunju 2000, il-Kummissjoni sejra wkoll tissorvelja l-kontinwazzjoni tal-konformità mal-kundizzjonijiet u d-dipsożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, inkluż l-anness tiegħu. Abbażi ta' dan, saru żewġ missjonijiet ta' monitoraġġ fil-Bulgarija u r-Rumanija f'Mejju u Ġunju 2008, rispettivament.

5.1.1 Il-Bulgarija

Minħabba r-riżultati tal-verifiki mwettqa waqt il-missjoni ta' Mejju 2008, deher li ċerti kriterji ta' akkreditazzjoni fir-rigward tal-Aġenzija tas-Sapard Bulgara ġew implimentati b'mod mhux xieraq, partikolarment il-kontrolli *ex-post* (limitat għall-iċċekkjar tal-eżistenza fiżika tal-investimenti), l-istandard tar-riżorsi umani (turnover għoli ħafna tal-persunal) u funzjonijiet ta' monitoraġġġ (id-dipartiment tal-verifika interna d-Dipartimaent tal-Ġlieda kontra l-Frodi & u r-Reazzjoni għall-Korruzzjoni, b'mod partikolari). L-aspetti tal-konformità ta' din il-missjoni huma deskritti fl-intestatura 5.3.1 ta' dan ir-rapport.

Wara l-missjoni, l-Awtoritajiet Bulgari ġew mitluba b'ittra mibgħuta f'Ġunju 2008 biex ifasslu pjan biex isewwu dawn in-nuqqasijiet u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan. L-Awtoritajiet Bulgari ġew ukoll infurmati dwar il-waqfien tar-rimborsi mill-Kummissjoni għal tliet miżuri importanti sakemm isseħħ l-implimentazzjoni xierqa tal-pjan ta' azzjoni. Ir-rapport tal-awtorità tal-awditjar indipendenti (Ernst and Young) imressqa mill-Awtoritajiet Bulgari lill-Kummissjoni f'Novembru 2008 ikkonfermat li l-azzjonijiet kollha previsti fil-pjan ta' azzjoni fir-rigward tad-dgħjufijiet tal-akkreditazzjoni ġew implimentati. F'Diċembru, l-Uffiċjal Nazzjonali tal-Awtorizzazzjoni (NAO) iddikjara permezz ta' ittra li l-pjan ta' azzjoni kien ġie implimentat u dan ġie kkonfermat minn awtorità tal-awditjar indipendenti. Is-servizzi tad-DĠ Agrikoltura, wara li eżaminaw bir-reqqa r-rapport tal-verifika li waslilhom, ikkonkludew li sar progress importanti, iżda li, kif ikkonfermat mill-awtorità tal-awditjar indipendenti, żewġ azzjonijiet importnati kienu implimentati parzjalment biss. Dan ġie rrappurtat lill-Awtoritajiet Bulgari b'ittra f'Jannar 2009 li ddikjarat li, malli dawn il-kwistjonijiet li baqa' jiġu indirizzati b'mod xieraq u l-Bulgarija tkun sostsniet l-isforzi tagħha għall-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll il-ġodda wara l-pjan ta' azzjoni, il-Kummissjoni kienet se tqis li terġa' tibda r-rimbors tan-nefqa Sapard iddikjarata.

Billi fi tmiem l-2008 il-pjan ta' azzjoni ma kienx implimentat għal kollox, ir-rimbors mill-Kummissjoni tan-nefqa ddikjarata ta' €11,4 miljun għall-miżuri kkonċernati, baqgħet interrotta sa dik id-data. Ir-rimborsi lill-Bulgarija reġgħu nbdew f'Settembru 2009.

---

[6] Anness E.

5.1.2 Ir-Rumanija

F'Ġunju 2008, seħħet missjoni ta' monitoraġġ oħra fir-Rumanija. L-għan tal-missjoni kien li titfittex assigurazzjoni raġonevoli dwar konformità kontinwata tal-NAO, il-Fond nazzjonali u l-Aġenzija Sapard bil-kundizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet tal-MAFA u sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri u l-istrutturi akkreditati u konferiti joperaw b'mod sodisfaċenti.

Il-verifika kixfet li s-sistema ta' kontroll intern u bosta kriterji ta' akkreditazzjoni kellhom nuqqasijiet serji u qajmu dubji kosiderevoli dwar l-effiċjenza tal-proċedura ta' kontroll fir-rigward tal-attribuzzjoni tal-għajnuna għall-investiment.

Wara dawn is-sejbiet, l-Awtoritajiet Rumeni ntalbu permezz ta' ittra mibgħuta fil-bidu ta' Lulju 2008 biex ifasslu pjan ta' azzjoni sabiex jirrimedjaw għan-nuqqasijiet identifikati u jgħarrfu lill-Kummissjoni ġaladarba dawn il-korrezzjonijiet ikunu ġew implimentati. L-ittra saħqet dwar ir-rresponsabbiltajiet tal-NAO sabiex jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-azzjonijiet ta' rimedju li kienu ġew ukoll ikkonfermati minn awtorità tal-awditjar indipendenti. Fid-dawl tan-natura serja tas-sejbiet, l-NAO intalab ukoll ma jintroduċix talbiet lill-Kummissjoni għar-rimbors tal-infiq u jwaqqaf il-ħlasijiet lill-benefiċjarji aħħarin sakemm jiġu implimentati miżuri ta' rimedju. Barra minn hekk, id-DĠ Agrikoltura interrompa r-rimbors lir-Rumanija tan-nefqa ddikjarata għall-miżuri kollha tal-Programm.

Id-DĠ Agrikoltura għarraf ukoll lir-Rumanija li kien se jikkunsidra jerġa' jibda r-rimbors hekk kif jiirċievi konferma li l-pjan ta' azzjoni kien ġie implimentat kif xieraq u dan ikun ġie kkonfermat minn Awtorità tal-Awditjar indipendenti.

Fi tmiem Lulju 2008, ir-Rumanija ressqet il-pjan ta' azzjoni. B'ittra mibgħuta f'Ottubru 2008, l-Awtoritajiet Rumeni għarrfu lis-servizzi tal-Kummissjoni li l-ħlasijiet lill-benefiċjari aħħarin reġgħu nbdew fl-1 ta' Ottubru 2008. B'ittra mibgħuta f'Novembru 2008, l-Awtoritajiet Rumeni għarrfu lis-servizzi tal-Kummissjoni li qiesu l-pjan ta' azzjoni bħala implimentat. Din il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri Rumena. Minkejja li b'mod ġenerali r-rapport ikkonkluda pożittivament dwar l-adegwatezza tal-azzjoni ta' rimedju meħuda, xorta waħda identifika għadd ta' nuqqasijiet tal-akkreditazzjoni, li kienu għadhom ma ġewx rettifikati sew. Barra minn hekk, ir-rapport tal-verifika ma ddeskriviex u ma ssostanzjax sistematikament il-ħidma konkreta mwettqa mill-Awtoritajiet Rumeni u r-riżultati miksuba mill-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, speċjlament fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' konformità.

Is-servizzi tal-Kummissjoni analizzaw ukoll ir-rapport bil-għan li jistabbilixxu jekk, fuq din il-bażi, il-ħlasijiet Sapard lir-Rumanija setgħu jerġgħu jinbdew. Ir-riżultat ta' din l-analiżi kien li fir-rigward ta' ċerti kwistjonijiet, kienet meħtieġa aktar informazzjoni dwar l-ambitu tax-xogħol imwettaq mill-awtoritajiet Rumeni. Dan kien jikkonċerna partikolarment il-kwistjoni dwar jekk il-proġetti kinux soġġetti għal proċeduri mhux awtorizzati u għalhekk kinux jikkostitwixxu riskju finanzjarju. Barra minn hekk, intalbet aktar informazzjoni dwar verifiki addizzjonali mwettqa fir-rigward ta' proġetti tal-investiment kif ukoll infromazzjoni dwar il-medda u l-kontenuti tal-verifiki mwettqa, sew fuq il-livell tal-Aġenzija tal-Ħlas sew tal-Awtorità tal-Awditjar.

B'ittra mibgħuta f'Diċembru 2008, ir-Rumanija ssosttomettiet Dikjarazzjoni tan-Nefqa u Applikazzjoni għall-Ħlas supplimentari li jkopru l-perjodu sat-30 ta' Novembru 2008. Billi l-Awtoritajiet Rumeni kienu għadhom mhumiex f'qagħda li jevalwaw ir-riskju finanzjarju sottostanti, l-analiżi tal-Kummissjoni kkonkludiet li għal ċerti kwistjonijiet kienet meħtieġa

aktar informazzjoni. Id-deċiżjoni tal-bidu mill-ġdid lill-ħlasijiet se tiddependi fuq is-segwitu sodisfaċenti lit-talbiet addizzjonali magħmula lill-Awtoritajiet Rumeni. Billi fi tmiem l-2008 il-pjan ta' azzjoni ma kienx implimentat għal kollox, ir-rimbors mill-Kummissjoni tan-nefqa ddikjarata ta' €141.5 miljun baqa' interrott sa dik id-data. Ir-rimborsi lir-Rumanija reġgħu bdew f'Lulju 2009.

5.2 Deċiżjonijiet għall-approvazzjoni ta' kontijiet

In segwitu għar-rekwiżiti stipulati fir-regolament (KE) Nru 2222/2000, il-Kummissjoni għandha tapprova l-kontijiet tal-Aġenziji Sapard, li ġew stabbiliti fil-Pajjiżi Kandidati.

Abbażai ta' dan, fit-30 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni li approvat il-kontijiet tal-2007 tal-Bulgarija u tal-Kroazja. Fl-istennija tal-istħarriġ tal-informazzjoni supplimentari, li ntalbet għar-Rumanija, id-deċiżjoni dwar l-Approvazzjoni tal-Kontijiet fir-rigward ta' dan il-pajjiż ma setgħetx tiġi adottata f'dak l-istadju.

5.3 Approvazzjoni tal-konformità

Fl-2008, twettqu żewġ missjonijiet ta' konformità mill-unità tad-DĠ Agrikoltura responsabbli għall-verifika tan-nefqa Sapard, waħda fil-Bulgarija u l-oħra fir-Rumanija.

5.3.1 Il-Bulgarija

Fid-dawl tal-każijietjet ta' allegata frodi mikxufa mill-OLAF, missjoni ta' verifika fil-Bulgarija seħħet f'Mejju 2008 biex tivvaluta jekk il-każijiet ta' allegata frodi humiex marbuta ma' nuqqasijiet sistemiċi ta' kontroll. Il-verifika tal-konformità iffukat fuq il-miżuri *"Investimenti għall-impriżi agrikoli", "Proċessar u tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli u tas-sajd", "Diversifikazzjoni tal-attivitajiet eknomiċi li jipprovdu dħul alternattiv"* u *"Żvilupp u titjib ta' infrastruttura rurali".*

B'mod partikolari, saru verifiki biex tinkiseb assigurazzjoni li s-sistema tal-kontroll ġiet implimentata skont il-proċeduri akkreditati u li l-kontrolli twettqu skont l-istandards meħtieġa. Il-verifika wriet dgħjufijiet serji li wasslu, permezz ta' ittra mibgħuta f'Ġunju 2008, lid-DĠ Agrikoltura biex jinterrompi l-ħlasijiet tiegħu lill-Bulgarija għall miżuri *"Investimenti għall-impriżi agrikoli", "Proċessar u tqegħid fis-tuq ta' prodotti agrikoli u tas-sajd"*, inkluż is-sotto-miżura *"Swieq bl-ingrossa"* u *"Żvilupp u diversifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi"*, prinċipalment għar-raġuni tan-nuqqas ta' osservanza tar-regoli għall-offerti, filwaqt li aċċettat il-kuntratti taħt is-Sapard. Dawn il-miżuri rrappreżentaw madwar 80 % tal-ammont totali allokat lill-Programm. In-nuqqassijiet li nstabu rriżultaw fl-interruzzjoni msemmija tal-ħlasijiet mill-Kummissjoni (ara 5.1.1).

5.3.2 Ir-Rumanija

Minbarra l-missjoni mwettqa f'Ġunju 2008, saret ukoll verifika tal-konformità fir-Rumanija f'Settembru 2008 li l-għan tagħha klien li jiġi żgurat li l-proċeduri ta' ġestjoni, kontroll u sanzjoni stabbiliti fir-Rumanija f'konnessjoni ma' xi wħud mill-miżuri akkreditati tal-Programm Sapard "*It-titjib tal-istrutturi għall-kwalità, kontrolli veterinarji u ta' saħħa tal-pjanti, kwalità tal-oġġetti tal-ikel u ħarsien tal-konsumatur", "Investimenti fl-Ażjendi Agrikoli", "Metodi ta' produzzjoni agrikola maħsuba biex iħarsu l-ambjent u jmantnu l-kampanja"* u *Forestrija"* kienu skont id-dispożizzjonijiet tal-MAFA. Is-sejbiet ewlenin jikkonċernaw l-adegwatezza tal-proċedura tal-akkwist provat, inkonsistenzi marbuta mal-

proċedura tal-akkwist pubbliku, is-superviżjoni mill-Aġenzija Sapard fuq il-livell ċentrali, u l-evidenza u d-dokumentazzjoni tal-verifiki mwettqa fuq il-post.

L-eżitu tal-verifiki tal-konformità, bħall-possibbiltà tal-korrezzjonijiet finanzjarji lin-nefqa kkonċernata, se jitqiesu fi tmiem il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

5.4 Xogħol li sar marbut mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)

Għall-għanijiet tad-Dikjarazzjoni tal-Assigurazzjoni għas-sena 2007 (DAS 2007), il-verifika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri involviet stħarriġ ta' proċedura għar-rilaxx tal-kontijiet min-naħa tal-Kummissjoni għar-Rumanija u l-Bulgarija. Barra minn hekk, il-verifika tal-Qorti inkludiet stħarriġ tal-proċedura tar-rilaxx tal-konformità tal-Kummissjoni għall-istess żewġ pajjiżi. Wara dan it-tieni stħarriġ, il-QEA nnutat li l-missjoni tal-verifika tal-konformità lir-Rumanija naqset milli tkopri żona ta' riskju li tikkonċerna l-konformità tar-regoli tal-akkwist pubbliku min-naħa tal-Komunità (imsejħa "Struzzjoni Nru 104"). Is-servizzi tal-Kummissjoni eżaminaw ix-xogħol li sar mill-QEA kif ukoll it-tweġibiet mill-pajjiżi kkonċernati, u segwew uħud mill-kwistjonijiet imqajma matul il-verifiki nazzjonali fiż-żewġ pajjiżi.

5.5 Informazzjoni dwar irregolaritajiet

Fl-2008 l-OLAF irċieva 230 notifikazzjoni tal-bidu u 632 komunikazzjoni aġġornata dwar l-irregolaritajiet misjuba taħt il-Programmi Sapard kollha (876 għall-perjodu sħiħ bejn l-2003-2008)[7].

L-għadd ta' rapporti żdied bi 8% meta mqabbel mal-2007. Hemm bosta raġunijiet li jispjagaw din il-bidla. Il-Kroazja bdiet tirrapporta l-irregolaritajiet Sapard biss fl-2008. Il-Polonja u l-Ungerija għarfu irregolaritajiet ġodda bħala riżultat ta' kontrolli ex-post wara l-ħlasijiet finali lill-benefiċjarji. Ir-Rumanija rrappurtat d-doppju tal-każijiet li kien hemm fl-2007.

L-ikbar numri ta' rapporti kienu tar-Rumanija, il-Bulgarija u l-Polonja. Tqabbil maċ-ċifri tal-2007 juri li hemm żieda fl-għadd tal-każijiet magħrufa fil-Bulgarija, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja, il-Polonja u r-Rumanija. Ġie osservat tnaqqis fir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja u s-Slovakkja.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunitajiet effettwati taħt il-Programm Sapard żdiedet bi 334 % bi tqabbil mal-2007 u l-ammont li kellu jiġi rkuprat żdied b'294 %. Jidher li għadd ta' irregolaritajiet ingħarfu wara l-ħlasijiet finali u rriżultaw fi rkupru totali tal-ammont impenjat.

Il-każijiet ta' frodi suspettata ġew biss irrappurtati mill-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja. Dawn jgħoddu għal 71 % tal-każijietjiet tal-2008 fil-Bulgarija, 50 % tal-każijietjiet fil-Kroazja, u 6 % tal-każijietjiet fir-Rumanija.

L-iżjed metodi frekwenti ta' detezzjoni fl-2008 jidhru li huma 'amministrazzjoni nazzjonali jew kontroll finanzjarju', 'kontroll fuq il-post tal-kisbiet', 'whistleblower' u 'kontroll tad-dokumenti'. L-istess tendenza ġiet osservat fl-2007, imma 'whistleblower' hija element importnati ġdid u dawk il-każijiet ġew irrappurtati mill-Bulgarija.

L-iżjed metodi frekwenti ta' irregolarità fl-2008 kienu 'nuqqas li jiġu ssodisfati l-impenji li daħlu għalihom' (23% tal-każijietjiet), 'dokumenti anċillari ffalsifikati (19%) u nuqqas ta'

---

[7] Anness F

osservanza ta' kundizzjonijiet oħra tar-regolamenti/kuntratt' (19%). L-ikbar bidla bi tqabbil mal-2007 hija nnutata fl-ammont ta' każijietjiet li jinvolvu 'dokumenti anċillari ffalsifikati', jiġifieri minn 4% għal 19%. Il-biċċa l-kbira tal-każijietjiet ġew irrappurtati mill-Bulgarija.

6. KOOPERAZZJONI MAL-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Il-Kummissjoni Ewropea żiedet l-iżvilupp tal-kooperazzjoni mal-Istituzzjonijiet tal-Finanzjament Internazzjonali (IFIs) fil-qasam tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għall-iżvilupp rurali fis-snin riċenti. Ir-riżultat kien fehim aħjar tal-funzjonament tas-Sapard u l-oqsma potenzjali ta' kollaborazzjoni bejn l-IFIs u s-servizzi tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Il-metodu, stabbilit ma' Sapard, issa qed jintuża taħt il-komponent IPA tal-iżvilupp rurali.